MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-20 ta' April, 2006

Talba Numru. 2348/2004

**GasanMamo Insurance Ltd (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Gordon Craig u l-istess Gordon Craig.**

**Vs**

**Grima Noel**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Dicembru 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm367.18 (tlett mija sebgha u sittin Lira Maltin u tmintax-il centezmu) rapprezentanti danni ikkagunati f'incident stradali li sehh nhar is-27 ta' Gunju 2002 gewwa tas-Sliema.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Il-konvenut huwa debitur tal-atturi fis-somma ta’ tlett mija u seba u sittin Lira Maltin u tmintax il-centezmu (Lm367.18), u dana in kwantu ghas-somma ta’ Lm317.18 lis-socjeta` attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta’ Lm50.00 lill-attur l-iehor Gordon Craig, rapprezentanti danni li soffrew l-atturi meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru MIR 019 fis-27 ta’ Gunju 2002 gewwa tas-Sliema habat mall-vettura numru HAA 941 propjeta tal-attur, Gordon Craig, u ikkaguna danni f’din l-istess vettura, liema vettura kienet assikurata *comprehensive* mas-socjeta` attrici assikuratrici.

Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.

Bl-ispejjes, komprisi dawk tal-parir (Lm15.00) u ta’ l-Ittra Ufficjali datata 14 ta’ Marzu 2003 kontra l-konvenut u ta’ Ittra Ufficjali ohra ippresentat kontestwalment ma’ dan l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-imghax mid-data tan-notifika tal-Ittra Ufficjali tas-17 ta’ Mejju 2004 kontra l-istess konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

It-talba tal-atturi ghandha tigi michuda ghax ghall-incident stradali ‘de qou” ma huwiex jahti l-eccipjenti.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi kif normalment jigri z-zewg xufiera nvoluti fil-kollizjoni jaghtu verzjoni differenti min dak ta’ xulxin, aktar u aktar meta ma jkunx hemm testimoni okulari jew passiggieri fl-istess vetturi. It-Tribunal kien gia kellhu okkazzjoni jirribadixxi li jkollu jirrikorri ghal verosimilita o meno tal-versjonijiet opposti. Mhux kontestat bejn il-partijiet min fejn kienu gejjin. Li huwa kontestat huwa min dahal f’ min.

Illi l-kollizjoni grat f’ T-Junction u z-zewg partijiet huma one way. Sia dik perpendikulari minn fejn kienet hierga l-vettura MIR-019 misjuqa mill-konvenut ossia Triq il-Qasira u sia Triq Santa Liena, dik il-parti li hija trasversali min fejn kienet ghaddejja l-vettura FBJ-531.

Kif jirrizulta mir-ritratt tal-vettura attrici esebita a Fol 13 tal-process u anka mill-istess survey report, l-istess daqqa fl-istess vettura hija fil-genb tal-mudguard ta’ quddiem tax-xellug ossia min fejn kien gej il-konvenut. Skond il-konvenut id-daqqa tieghu hija fuq quddiem fuq il-bumper fuq il-lemin. Anka l-Pulizija nvestigattiv irrimarka dawn il-hsarat similarment. Il-versjoni moghtija miz-zewg xufiera sia a tempo vergine u sia quddiem dan it-Tribunal huma simili fis-sens li baqghu jsostnu l-istess versjoni, cioe l-attrici kif waslet fit-tarf rat lill-vettura l-ohra hierga, ppruvat twaqqaf il-vettura billi tibrejka izda l-iehor baqa hiereg laqata fuq il-genb taghha tax-xellug u tefaha fuq vettura ohra fuq in-naha tal-lemin. Mentri li l-konvenut jallega li meta hu gie fil-kantuniera l-vettura bbrejkjat izda baqghet diehla fuqhu.

Is-soluzzjoni ta’ din il-vertenza tirrizulta fl-iskizz maghmul b’mod erudit mill-Pulizija nvestigattiv. Jirrizulta li l-habta saret ezatt fil-bokka ta’ din it-T Junction u cioe jirrizulta illi l-vettura MIR-019 dik tal-konvenut kienet qed tisporgi ghal Triq Santa Liena ghal fejn kienet ghaddejja l-attrici. Id-daqqiet fiz-zewg vetturi huma sintomati ghal x’gara effettivament u huwa anka konfermat mill-brejk li halliet l-istess vettura attrici. A kuntrarju ta’ dak li qed jallega l-konvenut, l-attrici ma kellha l-ebda raguni jew ma giet prodotta l-ebda raguni hekk kif sporga min Triq il-Qasira, l-attrici flok baqghet sejra dritta, kellha ghalfejn tidhol fil-konvenut wara li bbrejkjat u tibqa sejra fuq in-naha l-ohra, fil-vettura l-ohra pparkjata fuq il-lemin taghha.

Li gara huwa illi kif iz-zewg vetturi waslu fl-inkrocju l-attrici ghafset il-brejk peress li rat lill-vettura konvenuta hierga minn Triq il-Qasira, dana waqaf fil-mument propizju illi kienet ghaddejja l-karozza attrici, laqata fuq il-mudgeard tax-xellug u bid-daqqa l-vettura attrici spiccat fuq il-vettura pparkjata. Di fatti l-brejk mark jindika illi ghal bidu jibda

dritt imbaghad bid-daqqa spicca angulat lejn il-lemin. Il-konvenut naqas li jiehu dawk il-prekawzjonijiet debiti meta gie fl-inkorcju tat-T-Junction.

Illi l-quantum tad-danni ma giex kontestat u ghalhekk qed jigi akkordat.

Jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa t-talbiet attrici u jikkundannah ihallas is-somma ta' tlett mija u sebgha u sittin lira Maltin u tmintax il-centezmu (LM376.18), bl-ispejjes u nteressi kif mitluba mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------